SAN LAWRENZ

Il-minuti tat-tmienja u ghoxrin laqgha li nzammet nhar it-Tlieta 16 ta' Lulju 2013 fit-8:00 ta' filghodu fl-ufficju tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Anthony Formosa |
| Vici Sindku: | Anthony Cassar |
| Kunsilliera: | Michelina Mercieca |
| | John Mercieca |
| | Rose Vella |
| Segretarju Ezekuttiv: | Lucienne Haber |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

**2.0 Problema fuq Bus-Stop "Roza"**

2.1 Is-Sindku rrefera ghall-htiega ta' laqgha b'urgenza rigward l-ilment jahraq li dahal fil-Kunsill rigward id-decizzjoni li ha l-Kunsill li jharrek il-Bus Stop maghrufa bhala "Roza" mil-post fejn kienet ghal post iehor aktar il-fuq. Huwa semma' li r-resident Joseph Farrugia gie rrabjat hafna fl-ufficju tal-Kunsill u hassu offiz bid-decizzjoni li ha l-Kunsill f'dan ir-rigward. F'dan ir-rigward il-Kunsill fehem il-pozizzjoni tieghu u ra li ha decizzjoni mghaggla u ghalhekk qabel li minnufih ghandha tintalab bus stop gdida u kemm il-darba ma tigix approvata, il-bus-stop terga tittiehed fil-post originali taghha.

**3.0 Attivita' ghall-anzjani fl-okkazzjoni tal-festa**

3.1 Is-sindku rrefera ghar-rakkommandazzjoni tas-sottokumitat ghall-anzjani sabiex tigi organizzata attivita' ghall-anzjani bhala xalata tal-festa. Sar qbil li ghandha tinzamm attivita' fil-grawnd tal-iskola fejn issir quddiesa u coffee morning ghall-anzjani kollha.

**4.0 Laqgha dwar il-Pjan Lokali**

4.1 Saret referenza ghal-laqgha li ufficjali tal-MEPA kellhom mas-Sindku u s-Segretarja fejn introducew il-process tal-Pjan Lokali li jmiss. Huma rreferew ghal-laqgha pubblika li ser tinzamm fl-iskola tas-subien nhar il-Hamis 25 ta' Lulju 2013. Aktar laqghat dwar il-pjan Lokali huma pjanati l-quddiem fejn il-Kunsill ikun jista wkoll iressaq is-sottomissjoni tieghu.

**5.0 Materji oħra**

5.1 Il-Kunsillier John Mercieca rega' talab sabiex nergħu ntennu t-talba tagħna biex fil-Port fid-Dwejra, tinqata' linja bħala Swimming Zone.

5.2 Il-Kunsilliera Rose Vella tablet sabiex nergħu nressqu t-talba sabiex issir traffic hump fi Triq ir-Rokon.

5.3 Saret referenza għal-appuntament tal-laqgħa li għandha ssir mal-Ministru għal Għawdex għada fl-10:00am.

Il-laqgħa ntemmet fid-9:30am.

***Anthony Formosa***
***Sindku***

***Lucienne Haber***
***Segretarju Eżekuttiv***